# JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2001

**Educational Assessment Unit – Education Division**

| L-Ewwel Klassi | MALTI | ĦIN: SAGĦTEJN |
|---|---|---|

**Isem:** ____________________ **Klassi:** __________

**Istruzzjonijiet lill-kandidati:**

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA GĦALL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F | Ġ | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 9 | 21 | 4 | 8 | 8 | 30 | 20 | 100 |
| Marka ta' l-istudent\a | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

________________________________________

TEST GĦALL-ISTĦARRIĠ

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:***



pittura ta' Francis Galea

# Talent

Mhux wisq wara li ġew l-Ingliżi Malta, wieħed żagħżugħ jismu Salvu kien jirgħa l-mogħoż qrib il-kappella ta' Sant'Andrija tal-Mosta. Meta ddejjaq iħares ma jagħmel xejn, qabad ġebla minn fuq ħajt tas-sejjieħ, ħareġ il-mus u beda jlaqqax. Mill-ġebla beda jitfaċċa qajl qajl wiċċ ta' bniedem b'leħja sabiħa. Wiċċ maħdum hekk bir-reqqa li tistennieh ikellmek. Sinjur li ħareġ jagħmel passiġġata waqaf iħares u stagħġeb bil-ħila taż-żagħżugħ. Qallu: "Int imissek tistudja l-iskultura, ibni." *(par. 1)*

Jistudja l-iskultura! Fejn qatt għaddielu minn moħħu dan ir-ragħaj tal-mogħoż li jmur jitħallat ma' l-iskulturi magħrufa, bħal Ġismond. Ġismond bħalu kien kunjomu Dimech, imma ma kienx jiġi minnu. Salvu tħajjar, u mhux wisq wara qabbduh jaħdem f'San Ġwann tal-Belt. *(par. 2)*

Kompla, u sakemm miet f'Ħal Lija sebgħin sena wara, kien mela Malta bl-istatwi tal-ġebel u niċeċ, u għadd ta' vari tal-festa maħduma fil-għuda. Dak it-tifel bla skola kellu moħbi fih talent kbir. Min jaf kieku ma kellmux dak is-sinjur kienx jintilef dak ir-rigal prezzjuż? Għax it-talenti huma bħad-djamanti. Għall-ewwel ikunu moħbija, bħalma d-djamant qabel jillustrawh ikun qisu ġebla komuni. *(par. 3)*

Jien nemmen li kull bniedem għandu midfun fih xi talent. Ta' wieħed ikun li jirriproduċi f'pittura jew skultura l-forom li jara. Li kapaċi bħal Michelangelo jara statwa sabiħa moħbija f'ħaġra. Ieħor ikollu t-talent tal-kelma, kapaċi jitkellem u jikkonvinċi; kapaċi jfisser ħsieb bi kliem sempliċi u ċar, jgħanni poeżija. Oħrajn ikollhom ħila fil-bini, fl-organizzazzjoni, fl-amministrazzjoni, fil-kura tal-morda u tax-xjuħ, fit-tagħlim, fl-irqaqat labirintiċi tal-ħsieb. *(par. 4)*

Int li qed taqra, żgur għandek midfun fik talent, jekk mhux talenti. Tħallihomx reqdin. Ipprova, esperimenta. Taqtax qalbek jekk għall-ewwel tagħmel il-qassatat. Mill-iżbalji titgħallem u tirfina ħiltek. Fittex it-talent, ipprova, irfina. Id-dinja ta' għada tistenna l-frott tat-talent mogħti lilek. *(par. 5)*

(Silta minn kitba ta' ***Kilin f'Sagħtar***, Mejju, 2000)

| A. FEHIM IT-TEST | *(9 marki)* |
|---|---|

1. X'ġiegħel lil Salvu jaqbad ġebla u jibda jnaqqax? (par.1)

_______________________________________________ **(marka)**

2. Liema espressjoni minn par. 1 turi li l-iskultura kienet naturali ħafna?

_______________________________________________ **(marka)**

3. *Salvu tħajjar...*(par. 2) X'taħseb li tħajjar jagħmel?

_______________________________________________ **(marka)**

4. F'liema materjali kien iħobb inaqqax l-iktar Salvu? (par. 3)

_______________________________________________ **(marka)**

5. Fisser għala t-talenti huma mxebbha mad-djamanti. (par. 3)

_______________________________________________ **(marka)**

6. *Li kapaċi...jara statwa moħbija f'ħaġra.* (par. 4) Xi jrid ifisser l-awtur?

_______________________________________________ **(2 marki)**

7. B'liema mod jista' wieħed juri t-talent tal-kelma? (par. 4)

_______________________________________________

_______________________________________________ **(marka)**

8. X'jista' wieħed jagħmel biex ma jħallix it-talenti mejta fih? (par. 5)

_______________________________________________ **(marka)**

| B. GHARFIEN IL-LINGWA | *(21 marka)* |
|---|---|

**VOKABULARJU**

1. Agħti kelma oħra li tfisser l-istess bħal kull waħda b'sing taħtha:
   (i) għadd ta' vari : ________________ta' vari.

   (ii) ikollhom ħila fil-bini: ikollhom ______________ fil-bini. **(2 marki)**

2. *tagħmel il-qassatat* (par. 5) tfisser ________________________ **(2 marki)**

**GRAMMATIKA:** **(8 marki)**

| | |
|---|---|
| 3. Mill-*ġebla* jitfaċċa wiċċ. | 3. Nissel nom kollettiv minn *ġebla*: ____________ |
| 4. *Stagħġeb* bil-ħila. | 4. Aqleb fil-preżent: ____________ bil-ħila |
| 5. Agħti l-konsonanti tal-għerq ta' *għaddielu*, u l-mamma ta' *imissek* | 5. Għerq: ____________ Mamma: ____________ |
| 6. (Int) *fittex* it-talent. | 6. Ikteb fin-negattiv: ____________ |
| 7. Kapaċi jfisser *ħsieb*. | 7. Ikteb fil-plural: Kapaċi jfisser____________ |
| 8. Int taqtax qalbek. | 8. Ibdel is-sentenza f'mistoqsija: Int____________ |
| 9. Hu ħass li kellu talent. | 9. Poġġi l-verb fil-plural: Huma________li kellhom talent. |

**ANALIŻI TESTWALI:**

10. *Mhux wisq wara...*(par. 1) tindika post___; żmien___; kundizzjoni___. **(marka)**

11. *Qabbduh jaħdem*...(par. 2). Għal min qed jirreferi l-pronom ***h*** f'*qabbduh*?

____________________________________________ **(marka)**

12. Liema espressjoni minn paragrafu 3 tfisser ***illitterat***?

____________________________________________ **(2 marki)**

13. *Għall-ewwel ikunu moħbija...*(par. 3). Min hu s-suġġett f'din is-sentenza?

____________________________________________ **(marka)**

14. ***Li*** *kapaċi bħal Michelangelo...*(par. 4). Għal min qed tirreferi l-partiċella ***li***?

____________________________________________ **(marka)**

**SINTASSI:**

15. Ikteb din is-sentenza b'mod differenti mingħajr ma tibdel it-tifsira: **(2 marki)**

*It-talenti m'għandniex inwarrbuhom.*____________________________

16. *Tħalli**hom**x reqdin*. (par. 5). Ikteb nom flok il-pronom b'sing taħtu:

Tħallix____________________reqdin. **(marka)**

| Ċ. IDJOMI/QWIEL | *(4 marki)* |
|---|---|

1. Flok il-kelma b'sing taħtha, ikteb idjoma bit-tema taż-żmien:
   *Għalkemm kien xiħ, l-iskultur ma refax mix-xogħol.*

Għalkemm kien_____________________, l-iskultur ma refax mix-xogħol.

2. Ikteb it-tifsira tal-qawl fis-sentenza ta' taħt:

| | |
|---|---|
| *Għalkemm qatt ma kien għadu biegħ statwa waħda, l-iskultur baqa' jemmen li* ***x-xemx titla' u x-xita tinżel għal kulħadd.*** | _____________________________ |

| D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV | *(8 marki)* |
|---|---|

Agħżel **WAĦDA** minn ***a*** u ***b***:

a) F'erba' versi, niżżel fid-djarju tiegħek x'laqtek meta rajt wirja ta' pittura jew ta' xi talenti oħra.

b) Ifli sewwa din l-istampa u ikteb paragrafu biex tfisser dak li tara fiha.



_____________________________

_____________________________________________________________

_____________________________________________________________

_____________________________________________________________

_____________________________________________________________

_____________________________________________________________

| E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI | *(8 marki)* |
|---|---|

Kont imqabbad mill-*Għaqda Talenti u Passatempi* ta' l-iskola biex titkellem waqt il-ftuħ ta' wirja ta' mudelli u ritratti li juru l-ħajja ta' l-imgħoddi. Agħżel suġġett dwar xi aspett tal-folklor u ikteb erba' punti kif ser tqassam it-taħdita tiegħek.

| **F. LETTERATURA** | ***(30 marka)*** |
| --- | --- |

**POEŻIJA:** (i) ***NADRIET 1***

Aqra din is-silta minn ***Tifħira Lil Malta*** ta' Ġan Anton Vassallo, u wieġeb:

Fik il-bard lil ħadd ma jikser
Meta x-xemx tgħaddilek bgħid,
Ma jiġix inhar tul sena
Illi ma jsaħħnekx xi ftit.

U l-art tiegħek kulma tagħmel
Kollu tajjeb, kollu bnin;
Ġewwa bliethom il-frott tiegħek
Jixtiquh wisq barranin.

Illi l-ġid bil-wisq tagħtina
Qaluh fl-ibgħad żminijiet;
Filli tagħti għad li żgħira
Tisboq 'il bosta artijiet.



1. *Fik* il-bard....(v.1). Għal min qed tirreferi l-kelma *fik*?

______________________________ **(marka)**

2. Fisser it-tieni vers tas-silta ta' fuq.

______________________________ **(2marki)**

3. Min jixtieq il-frott ta' din l-art?

______________________________ **(marka)**

4. Meta ntqal li din il-gżira tagħtina ħafna ġid?

______________________________ **(marka)**

5. Il-poeżija hi miktuba fin-negattiv__; fis-superlattiv__; fil-komparattiv__. **(marka)**

6. L-istrofi ta' din il-poeżija jissejħu ______________________ **(marka)**

(ii) ***AKTAR NADRIET POETIĊI***: Agħżel ***waħda*** minn dawn il-poeżiji u wieġeb: **"dist/anza"** ta' Tarcisio Zarb; **"Il-Ħerża"** ta' Marjanu Vella; **"Tristes Est Anima Mea"** ta' Rużar Briffa; **"Dik Mewġa"** ta' Anastasju Cuschieri; **"Xmara Ħamra, Bruka Xiħa"** ta' Victor Fenech; **"Raħal Twelidi"** ta' Karmenu Vassallo; **"Il-Kebbies tal-Fanali"** ta' Anton Buttigieg; **"Xita"** ta' Mary Mejlak.

1. *(Isem il-poeżija)*______________________________hi miktuba minn poeta tradizzjonali___, poeta modern___. **(marka)**

2. X'laqtek f'din il-poeżija?________________________________________

_______________________________________________________________

_________________________________________________________ **(2 marki)**

**PROŻA:**

**(i) Agħżel *waħda* minn 1 u 2.**

1. **Fra Martin u Novelli Oħra:**

   Fin-novella **Fra Martin**, fisser għala x-xbieha tal-Madonna kellha biċċa minn driegħha nieqsa.

**JEW**

2. **Stejjer minn Tarf ir-Raħal:**

   *Kienet qatgħet xewqitha li darba f'għomorha tilbes sandli tal-moda!* Irrakkonta kif Mojra waslet biex taqta' din ix-xewqa.

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

___________________________________________________________

______________________________________________________ **(10 marki)**

**(ii) Meta Jaqa' ċ-Ċpar:**

1. X'kienu jgħidu li jidher ħdejn il-blata l-kbira tal-wied, u x'kien jiġrilu min jazzarda jgħaddi minnu?

________________________________________________________________

________________________________________________________ **(2 marki)**

2. Minn barra, l-għar kien jidher żgħir, iżda minn ġewwa ma' xiex hu mxebbah?

________________________________________________________ **(marka)**

3. Iż-żewġt irġiel, Jeħuda u Risk, kienu ġejjin mill-passat__; mis-sena 800 WK__; mill-futur__. **(marka)**

4. F'waħda mill-bagalji fid-dar ta' Buġibba, it-tfal sabu ħafna važetti li __________

________________________________________________________ **(marka)**

5. Biex imur lura fil-ġejjieni jew fil-passat, wieħed kien jeħtieġlu jsib it-toqob fl-arja u jgħaddi minnhom. VERU____; FALZ____. **(marka)**

6. X'hemm x'juri li meta ħarġu miċ-ċpar, it-tfal kienu daħlu fid-dinja tal-passat?

________________________________________________________________

________________________________________________________________

________________________________________________________ **(3 marki)**

7. Xi prova kien sab f'butu John li turi li t-tfal kienu marru lura fl-imgħoddi?

________________________________________________________ **(marka)**

## Ġ. KOMPONIMENT *(20 marka)*

Agħżel ***wieħed*** u fuq karta separata ikteb daqs **250 kelma**:



i. Oħti tinqala' ħafna biex tpitter.

ii. Invenzjoni li nixtieq noħloq.

iii. Passatemp li għadu għal qalbi.

iv. Dħaltu f'dar li kienet ilha magħluqa s-snin. Iddeskrivi x'rajt u x'laqtek.

v. Talenti li nammira fi sħabi.